# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-5 ta' Settembru 2019**

Appell numru 107 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Kevin Joseph CAMILLERI**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' Kevin Joseph CAMILLERI, karta tal-identita bin-numri 91579M fejn ġie mixli talli:

   Matul dawn l-ahhar xhur gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

   1. Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30am) gewwa San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FCN 196 tal-ghamla Suzuki liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Giovanni Degiorgio u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u clrkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura FCN 196 fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura FCN 196 minghajr ma' kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni;
4. Fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) gewwa r-Rabat (Malta) ghall-habta ta' l-erbgha u sbatax-il minuta ta' wara nofsinhar (4:17pm) ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAU 913 tal-ghamla Ford liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Susanne Mifsud u/jew persuni ohra:
5. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura GAU 913 fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura GAU 913 minghajr ma' kien kopert b'polza ta l-assigurazzjoni;
7. Fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00am) gewwa Birzebbugia kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni JCC 532 liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' John Schembri u/jew persuni ohra;
8. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura JCC 532 fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura JCC 532 minghajr ma' kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni;
10. Fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghall-habta tat-tleta u nofs ta' wara nofsinhar (3:30pm) gewwa z-Zejtun saq vettura JCC 532 b'manjiera perikoluza u traskurata;
11. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq vettura JCC 532 liema hsara tammonta ghal seba' mija u sebghin ewro (€770);
12. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq vettura FUN 028 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Sandra Zammit liema hsara tammonta ghal mitt ewro (€100);
13. Finalment il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma' Kevin Joseph Camilleri talli rrendu ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi

delitti, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat u semgħet l-ammissjoni ta' l-istess appellat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, rat l-artikoli 18, 261, 263, 267, 271, 325(d), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15A u 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu komplessivament għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tnejn u tletin (32) xahar u qegħditu taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett (3) snin sabiex l-appellat jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tax-xorb.

3. L-Avukat Ġenerali appella permezz ta' rikors li jġib id-data tat-12 t'April 2019 fejn preliminarjament irrileva li ma kienx qiegħed iqajjem aggravju la fir-rigward tal-mertu tal-każ u lanqas fir-rigward tal-piena ta' priġunerija effettiva erogata, iżda biss limitat għan-nuqqas ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellat li kellha tigi imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)flimkien mal-piena ta' priġunerija inflitta. Dan peress li l-appellat kien instab ħati li, *inter alia,* saq vettura b'manjiera perikoluża u traskurata, talli saq jew kellu l-kontroll ta' vettura li tkun fit-triq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb, kif ukoll talli saq vettura meta

ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Wara li ċċita mill-artikoli 15(1)(a)(2)(3), 15A u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta nonche mill-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali tenna li d-diċitura tal-artikolu 15(2)(3) u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta kienet turi bl-aktar mod ċar li s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan kienet waħda tassattiva u ma kienet tħalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. Igħid ukoll li l-iskwalifika tal-liċenza kienet konsegwenza tar-reat u mhux tal-piena. Filwaqt illi l-piena kienet fakultattiva għall-Qorti li kellha parametri li tiddeċiedi fuqhom, fil-każ tal-iskwalifika ma kellhiex fakulta stante li din l-iskwalifika kienet mandatorja. L-Avukat Ġenerali ikkonkluda li l-Qorti tal-Maġistrati kellha bilfors tordna l-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan tal-appellat oltre l-piena ta' priġunerija li ġiet inflitta fuqu.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun meta jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha naqset milli tordna l-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan f'każ bħal ma huwa dak tal-appellat, din hija tassattiva[1] kemm taħt il-Kapitolu 65 kif ukoll taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-appell jimmerita li jiġi milqugħ.

---

[1] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta iżda diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario Mifsud*** deċiża nhar it-2 t'Ottubru 2014. Din il-Qorti pero ma tarax li għandha għalfejn toqgħod tidħol fuq il-problematika jekk l-iskwalifika hix konsegwenzjali għar-reat jew għall-piena stante li f'dan il-każ ma kienetx parti mill-punt tal-kontroversja appellata.

## *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tirriforma s-sentenza appellata bil-mod kif ġej :

1. Tikkonfermaha fejn hija sabet ħtija fuq ammissjoni inkondizzjonata tal-appellat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li kienu ġew kontestati lilu;
2. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ħati għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tnejn u tletin (32) xahar u qegħditu taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett (3) snin sabiex l-appellat jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tax-xorb;
3. U tirriformaha billi b'żieda ma din il-piena inflitta minn dik il-Qorti fis-sentenza tagħha, din il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tal-atti kollha ta' dan il-każ, tordna li l-appellat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tmintax (18) il-xahar.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***